31977D0271

6.4.1977 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 88/11

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-29 ta' Marzu 1977

dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 77/270 li tagħti l-poteri lill-Kummissjoni biex toħroġ self mill-*Euratom* għall-għan ta' kontribuzzjoni lejn l-iffinanzjar ta' impjanti ta' l-enerġija nukleari

(77/271/*Euratom*)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

Wara l- kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/*Euratom* tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-poteri lill-Kummissjoni biex toħroġ self *Euratom* għall-għan ta' kontribuzzjoni lejn l-iffinanzjar ta' impjanti ta' l-enerġija nukleari [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1 miġjub fih,

Billi l-ammont massimu ta' self li l-Kummissjoni għandha l-poter li toħroġ għan-nom tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika għandu jiġi fissat għal 500 miljun unitajiet Ewropej ta' kontijiet;

Billi l-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Kunsill kif mistħoqq meta l-valur totali tat-transazzjonijiet effettwati ikun laħaq it-300 miljun unitajiet Ewropej ta' kontijiet, sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi, fid-dawl ta' esperjenza ggwadanjata, dwar l-iffissar ta' ammont ġdid,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

L-uniku Artikolu

Self kif provvdut fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 77/270/*Euratom* jistgħu jinħarġu bi ftehim formali għal ammonti li t-total tag ħhom m' għandux jaqbeż il-500 miljun unitajiet Ewropej ta' kontijiet; il-unit Ewropej ta' kontijiet huwa definiti fid-Deċiżjoni 75/250/KEE [2].

Meta l-valur totali tat-transazzjonijiet effettwati jilħaq it-300 miljun unitajiet Ewropej ta' kontijiet, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Kunsill li, huwa u jaġixxi unanimament, għandu jiddeċiedi dwar l-iffissar ta' ammont ġdid kemm jista' jkun malajr.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Marzu 1977.

Għall-Kunsill

Il-President

T. BENN

[1] Ara paġna 9 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

[2] ĠU L 104, ta' l-24.4.1975, p. 35.